# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 49/2018/1 MH**

**Avukat Dottor Alfred Grech**

**v.**

**(1) L-Avukat Ġenerali**
**(2) Kummissarju tal-Pulizija,**
**(3) u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2018**
**ġie kjamat in kawża Anthony Xuereb**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Avukat Dottor Alfred Grech minn sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2022 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), permezz ta' liema l-Ewwel Qorti ma sabet l-ebda leżjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq tar-rikorrenti u

konsegwentement ċaħdet it-talbiet kollha bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Jirriżulta illi Anthony Xuereb kellu diversi kwistjonijiet mal-eks sieħba tiegħu ċertu Helen Milligan, b'mod partikolari minħabba l-aċċess ta' binhom minuri. Eventwalment Xuereb għamel kwerela kontra l-appellant qua l-Avukat difensur ta' Helen Milligan u kontra Helen Milligan stess rigward mandat ta' inibizzjoni.

3. Il-Pulizija bdiet investigazzjoni kontra r-rikorrenti u kontra Helen Milligan, iżda l-Pulizija rriteniet illi ma kienx hemm lok għat-teħid ta' proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti iżda sabet li għandhom jittieħdu, u fil-fatt ħadet proċeduri kontra Helen Milligan.

4. L-Avukat Ġenerali kien intalab jagħti parir lill-Pulizija li ukoll kien tal-istess fehma illi m'hemmx lok għal proċeduri kriminali fil-konfront ta' Dr Alfred Grech.

5. *Ciononostante,* Anthony Xuereb iddeċieda li jibda proċeduri ta' sfida, però, ir-rikorrenti ma kienx ġie mħarrek f'dawk il-proċeduri. Il-Qorti tal-Maġistrati rriteniet illi ma kienx il-każ li jittieħdu proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti. Xuereb appella minn dik id-deċiżjoni.

6. Il-Qorti Kriminali kif preseduta mill-Imħallef Antonio Mizzi nhar is-17 ta' April 2018 fi proċeduri *ai termini* tal-Artikolu 541(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iddeċidiet illi l-Pulizija kellha tieħu passi kriminali kontra r-rikorrenti.

7. Sussegwentement, ir-rikorrenti, intavola l-proċeduri odjerni quddiem l-Ewwel Qorti.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

8. Permezz ta' rikors intavolat nhar is-7 ta' Mejju 2018 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), l-appellant talab lil Ewwel Qorti: (i) tiddikjara illi l-proċeduri ta' sfida fl-ismijiet *Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija* li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' April 2018 jilledu d-drittijiet fundamentali tal-appellant għal smigħ xieraq sanċiti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali u

Libertajiet tal-Bniedem; (ii) tiddikjara illi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali jilledu d-drittijiet fundamentali tal-appellant għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem; (iii) tiddikjara nulli l-proċeduri tal-isfida fl-ismijiet *Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Puliizija* li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' April 2018; u (iv) tipprovdi *kwalsiasi* rimedju ieħor li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi inkluż ħlas ta' kumpens xieraq.

9. Permezz ta' risposta konġunta datata 23 ta' Mejju 2018, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija b'mod preliminari eċċepew illi biex il-ġudizzju jkun integru għandu jiġi kjamat fil-kawża Anthony Xuereb. Fil-mertu sostnew illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx għas-sitwazzjoni tar-rikorrent peress li fil-proċedura ta` sfida ma ġiet determinata l-ebda akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrent u wisq inqas ma ġew deċiżi xi drittijiet ċivili jew obbligi tiegħu.

10. Sostnew illi fi proċeduri mibdija taħt l-Artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jiġux ikkunsidrati akkużi iżda jiġi mistħarreġ biss jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux jibda proċeduri kriminali jew le. Għalhekk ladarba fil-proċeduri ta' sfida ebda akkuża ma tkun inħarġet, dan għandu jġib bħala konsegwenza l-inapplikabbilità tal-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta. Żiedu illi għalkemm huwa minnu li eżitu pożittiv fil-proċedura ta' sfida tista' twassal biex jinħarġu akkużi kontra xi persuna, b'danakollu dan ma jfissirx li dik il-persuna tkun ġiet preġudikata milli jkollha smigħ xieraq bis-sempliċi fatt li jkun hemm ordni tal-Qorti biex jinbdew proċeduri kriminali.

11. Anthony Xuereb permezz ta' risposta datata 12 ta' Diċembru 2022 b'mod preliminari afferma illi, ir-rikors hu intempestiv għaliex effettivament, fid-data li nfetħet din il-kawża, ma kien hemm assolutament l-ebda akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrent li kienet debitament notifikata lilu. Fin-nuqqas ta' dan ma jistax jingħad li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq, u għalhekk ir-rikors hu monk. Fil-mertu sostna illi dehrilhom x'dehrilhom il-Pulizija Eżekuttiva, kien x'kien il-parir tal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali, u ddeċidiet x'iddeċidiet il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-ġudizzju tal-Qorti Kriminali hu superjuri u deċiżiv.

12. Żied illi l-appellant hu żbaljat fejn jgħid li l-Qorti Kriminali fil-proċedura ta' sfida "kienu qedgħin jiġu determinati d-drittijiet ċivili u kriminali tal-esponenti", għaliex il-proċedura ta' sfida minnha nfisha mhix intiża li tidħol fil-ħtija jew innoċenza tal-kwerelat, imma għandha l-għan uniku li tagħmel "judicial review" tad-deċiżjonijiet tal-Pulizija Eżekuttiva. Affermaw illi r-rikorrent kien konsapevoli, u kellu l-għarfien, il-mezzi u l-opportunità biex waqt il-proċedura ta' sfida li wasslet għad-diġriet

msemmi jeżerċita kull dritt li seta' kellu. Argumenta illi l-appellant m'għamilx dan sempliċiment b'nuqqas jew b'għażla tiegħu jew bl-intenzjoni speċifika sabiex ikun jista' jqajjem it-talbiet fil-każ odjern u sabiex itawwal, u b'hekk din il-kawża għandha tiġi meqjusa bħala frivola u vessatorja.

13. B'sentenza datata 28 ta' Ottubru 2022, l-Ewwel Qorti rriteniet illi ma ntleħħaq ebda livell ta' preġudizzju li kien tali u serju li affettwa lir-rikorrenti fid-drittijiet minnu msemmija. Affermat ukoll illi kull ma ġara proċeduralment kien għal kollox *forseeable* u prevedibbli b'tali mod li ma ġie rekat lilu ebda preġudizzju. Il-Qorti qieset illi l-ebda aspett tal-Artikolu 6 ma ġie b'xi mod imxellef fil-proċeduri ta' sfida fir-rigward tar-rikorrenti, u ma tarax li huwa sofra xi ksur ta' reputazzjoni jew ta' xi dritt sanċit taħt l-Artikolu 8, la fuq bażi personali jew wisq anqas professjonali. Magħmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Qorti ċaħdet it-talbiet kollha bl-ispejjeż kontrih.

**Ċ. L-Appell:**

14. L-appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar is-16 ta' Novembru 2022 u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha tal-appellant. Hu jsostni li (1) il-proċeduri ta' sfida xorta għandhom jagħtu protezzjoni skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni; (2) in-nuqqas ta' traskrizzjonijiet tas-sottomissjonijiet orali xellfulu d-dritt ta' smigħ xieraq; (3) in-nuqqas ta' parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proċeduri ta' sfida wkoll illedewlu d-dritt għal smigħ xieraq u parita ta' armi.

15. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu għall-appell permezz ta' risposta datata 30 ta' Novembru 2022 u sostnew illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata. Affermaw illi il-Qrati tagħna kemm-il darba kellhom l-opportunità jesprimu ruħhom dwar il-proċedura kontemplata bl-Artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ġiet anke skrutinizzata minn din il-Qorti kif diversament preseduta. B'referenza għat-tieni aggravju, l-appellati argumentaw illi mhux kull trattazzjoni tiġi traskritta u b'daqshekk ma jfissirx li seħħet irregolarità fil-proċedura jew li kien hemm xi nuqqas mill-Qorti, iktar u iktar meta jirriżulta mill-atti illi l-partijiet kollha ngħtaw ampjament l-opportunità li jagħmlu s-sottomissjonijiet li dehrilhom xierqa.

16. Anthony Xuereb ukoll wieġeb għall-appell permezz ta' risposta datata 12 ta' Diċembru 2022. Sostna illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi kkonfermata b'dan illi l-liġi u l-ġurisprudenza hi ċara illi fil-proċedura ta' sfida, ma tkunx saret deċiżjoni fuq il-ħtija *o meno*. Fir-rigward it-tieni aggravju jikkontendi illi dan huwa wieħed frivolu għall-aħħar b'dan illi kulħadd jaf illi l-użanza hija illi ċertu sottomissjonijiet ma

jiġux rekordjati u kuntrarjament għal dak li qiegħed jinsinwa l-appellant, sottomissjonijiet m'humiex provi iżda argumenti għall-konvinċiment ta' dak mitlub.

17. L-appell avvanzat mill-appellant jistrieħ fuq tliet (3) aggravji u jsostni illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-kwistjoni li kellha quddiemha.

***L-Ewwel Aggravju***

18. Permezz ta' dan l-ewwel aggravju, l-appellant isostni illi l-punt kruċjali f'dawn il-proċeduri huwa essenzjalment jekk l-appellant kellux jew le jirċievi l-protezzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni waqt il-proċeduri ta' sfida u jekk tali garanzija tapplikax ukoll għall-proċeduri ta' Sfida. L-appellant jiċċita minn sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet: ***Magee vs United Kingdom.*** Isostni illi hekk kif fil-proċeduri ta' sfida ġie deċiż illi għandhom jiġu istitwiti mill-Pulizija proċeduri kriminali kontra l-appellant, liema proċeduri saru fl-assenza tal-appellant, l-appellant akkwista *victim status.*

19. Iżid illi kuntrarjament għal Anthony Xuereb, l-appellant fl-ebda stadju ma kien imsejjaħ sabiex ikun parti f'dawk il-proċeduri ta' sfida, lanqas bħala xhud. Jafferma ukoll illi l-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel

Qorti hija antika u ġiet superata bi żviluppi fil-ġurisprudenza. L-appellant isostni ukoll illi diversi prinċipji ġew mhux biss minaċċjati iżda vvjolati, fosthom dik tal-paritá tal-armi. Jisħaq illi huwa kontrosens li l-Artikolu 6 jipproteġik fl-istadju tal-arrest u tal-interrogatorju iżda ma jipproteġikx fi proċeduri ta' sfida.

20. L-appellati argumentaw illi l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 541 tal-Kap 9 ġiet skrutinizzata minn din il-Qorti kif diversament preseduta, u ngħad illi fil-proċedura ta' sfida *ai termini* tal-Artikolu 541 ma jkun hemm l-ebda determinazzjoni ta' akkuża kriminali għaliex ma jistax jingħad li tali deċiżjoni hija "*decisive for the determination of the criminal charge*." Fil-fatt l-ilment tal-appellant mhux l-ewwel darba li tqajjem quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali.

21. Anthony Xuereb da parti tiegħu jikkontendi li l-liġi u l-ġurisprudenza hija ċara illi fi proċedura tal-isfida ma tkunx saret deċiżjoni fuq ħtija *o meno*, iżda biss li hemm "*grounds*" u "*a case to answer*." Iżid illi l-appellant kien preżenti fl-awla u sema' kollox, iżda ddeċieda li ma jipparteċipax u lanqas ma talab illi b'xi mod jintervjeni. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ma riskontrat l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq f'ċirkostanzi odjerni.

22. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Ġia min dan it-tgħallim ġudiżżjarju mogħti mill-għola Qorti ta' pajjiżna jidher ċar u lampanti lli r-rikorrenti huwa ferm u għal kollox żbaljat fl-interpretazzjoni tiegħu ta' l-implikazzjoni u l-operat ta' l-artikolu li jirregola l-isfida diretta lejn il-Kummissarju tal-Pulizija.*
>
> *Omissis*
>
> *Għaldaqstant applikati dawn il-prinċipji assodati fil-ġurisprudenża lokali, huwa għal kollox żbaljat ir-rikorrenti meta jpoġġi bħala bażi tal-l-ewwel lanjanza tiegħu l-fatt illi l-proċeduri ta' sfida huma lezivi tad-drittijiet tiegħu maħsuba taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni, għaliex il- Qorti li laqgħat it-talba ta' l-isfidant għamlet biss eżami ta' prima facie biex wasslet għal konklussjoni li tordna lil-Kummissarju li jressaq lir-rikorrenti biex jirrispondi għal kwerela, dennunzja jew rapport*
>
> *Omissis*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti fil-proċedura ta' l-isfida bażi ta' din il-vertenza ma ntleħħaq ebda livell ta' aggravju li kien tali u serju li affettwa lir-rikorrenti kif ċitat. Ukoll li kull ma okkorra s'issa proċeduralment kien għal kollox forseeable u prevedibbli fil-konsegwenza tiegħu għar-rikorrenti b'tali mod li ma ġie rekat lilu ebda preġudizzju."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

23. Din il-Qorti, mingħajr dilungar inutli, tafferma illi dan l-ewwel aggravju hekk kif avvanzat mill-appellant mhuwiex fondat. *Ormai* huwa ben stabbilit illi fil-proċedura kontemplata fl-Artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma tistħarriġx il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna li dwarha jsir ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela.

24. Kif korrettement rilevat mill-Ewwel Qorti, dik l-isfida tissarraf f'ordni tal-Qorti li tkun qieset jekk ir-rapport, il-kwerela jew id-denunzja jkollhomx ix-xamma ta' veritá jew possibilità li bis-saħħa tagħha jistgħu jittieħdu

proċeduri kriminali kontra l-persuna hekk rapportata, denunzjata jew kwerelata. L-ordni tista' tkun kemm favur it-talba u kif ukoll biex tiċħadha, u l-liġi ssemmi wkoll proċedura kif ordni bħal dik tista' tiġi appellata. Fl-għoti ta' ordni mill-Qorti taħt l-imsemmi Artikolu, ma jsir l-ebda apprezzament dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna kwerelata, denunzjata jew rapportata: l-ordni jkun biss biex il-Pulizija tmexxi skont ir-rapport, denunzja jew il-kwerela li tkun saritilha. Anqas u anqas ikun sar xi ġudizzju dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-parti kwerelata, denunzjata jew rapportata.[1]

25. Fil-fatt il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 541 mhix l-unika proċedura ta' natura penali li mhix deċiżiva għad-determinazzjoni ta' akkuża kriminali. Kif ben osservat minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Lebrun*** deċiza nhar id-9 ta' Frar 2007:

> *"...hemm diversi proceduri ta' natura "penali" li ma humiex decisivi ghad-dterminazzjoni ta' akkuza kriminali bhal per ezempju l-proceduri ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest taht garanzija (bail) jew ghar-revoka ta' dak il-helsien mill-arrest u l-proceduri ta'sifda kontra l-kummissarju tal-pulizija skond l-artikolu 541 tal-Kap 9. Proċeduri għall-ghoti ta' l-ghajnuna legali f'kawzi penali jistghu ukoll jitqiesu li ma jkunux decisive for the determination of a criminal charge."*

[1] Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali et deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2005.

26. Din il-Qorti kif diversament preseduta,[2] ikkonfermat il-ħsieb tal-Ewwel Qorti f' ***Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali et*** u rriteniet illi l-proċedura kontemplata fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"…huwa forma ta' judicial review ta' l-operat tal-pulizija…Ghalhekk, fir-rigward ta' dawn ir-reati – li fil-verita` huma ftit bhala numru – l-azzjoni kriminali titmexxa mill-istess parti leza, u fil-konfront ta' dawn ir-reati il-Pulizija Ezekuttiva tagixxi biss ta' awtorità notifikanti, billi tohrog u tinnotifika c-citazzjonijiet (li jissejhu citazzjonijiet ta' kawza privata) u l-avvizi l-ohra mehtiega, inkluz it-tahrik tax-xhieda… Biex ikun hemm xi forma ta' kontroll gudizzjarju fuq l-operat tal-Pulizija Ezekuttiva, ga fl-1909 – meta allura l-Korp tal-Pulizija kien serv fidil ta' l-awtoritajiet kolonjali f'Malta – inhasset il-htiega li tigi introdotta l-procedura ta' sfida permezz ta' l-Artikolu 51 tal-Att VIII ta' dik is-sena… (Illum l-artikolu 541 tal-Kap 9)*
>
> *Qabel ma gie introdott dan s-subartikolu, sia jekk id-decizjoni kienet tkun li l-pulizija ghandhom imexxu u sia jekk kienet tkun li ma hemmx lok li jmexxu, kulhadd kien irid joqghod ghaliha ghax ma kien hemm ebda forma ta' procedura ta' revizjoni bhalma hemm illum. Kif jidher minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni, ghalkemm il-procedura ta' sfida tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati – u skond prassi inveterata, dejjem gie ritenut li din il-Qorti tkun qed tagixxi fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi proprjament hija siekta dwar dan id-dettal – dak li fl-fatt taghmel il-Qorti huwa, mhux li tara jekk il-kwerelat, id-denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha sar ir-rapport hux hati o meno tar-reat jew reati migjuba f'dik il-kwerela, denunzja jew rapport; anqas ma tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza, f'kaz li n-notitia criminis tkun tirreferi ghal reat li jgib piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija – procedura li tispetta lill-Qorti Istruttorja filkontradittorju tal-persuna eventwalment akkuzata; anqas ma tigbor il-provi li talvolta jkunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna – huwa infatti proprju ghalhekk li r-rikorrent, fil-procedura ta' sfida, jobbliga ruhu li eventwalment, u cioe` fil-proceduri, jekk talvolta jinbdew, kontra l-kwerelat, denunzjat jew ilpersuna li fil-konfront taghha jkun sar ir-rapport, jaghti x-xiehda tieghu u jgib ilprovi "li jkollu f'idejh"; izda dik il-Qorti tissindika biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk ir-rifjut ta' l-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx gustifikat o meno."*

[2] Deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2006.

27. L-insenjamenti tal-Qorti Kostituzzjonali jsibu konfort f'dak rilevat mill-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick f'***Law of the European Convention on Human Rights:***

> *"Article 6(1) applies only when the applicant is charged with an offence, it does not extend to cases in which he brings a private prosecution in the enforecement of the criminal law. Nor does Article 6(1) apply just because the applicant's property is affected by a criminal charge against a third party. It also does not apply to proceedings that may result in the applicant being placed under police supervision with a view to the prevention of crime. Finally Article 6 does not apply to extradition proceedings."*

28. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak rilevat ***f'Adrian Busietta vs L-Avukat Ġenerali*** minn din l-istess Qorti, kif diversament preseduta in kwantu li l-proċedura tal-isfida bl-ebda mod ma tista' tingħad li hija xi proċedura, meħuda mill-awtorità kompetenti li tmexxi l-prosekuzzjoni, li sostanzjalment taffettwa l-pożizzjoni ta' min eventwalment jista' jiġi akkużat bir-reat kwerelat, denunzjat jew rappurtat b'mod li mal-bidu tagħha jkun hemm "akkuża kriminali" kontra dik il-persuna għall-finijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk din il-Qorti ma tarax kif din il-proċedura jista' jingħad li ċaħdet b'xi mod lill-appellant mid-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, dritt li din il-Qorti tifhem li kien u għadu veljanti fir-rigward tal-proċeduri penali inizjati fil-konfront tiegħu.

29. Fir-rigward iċ-"*civil limb*" tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, din il-Qorti kif preseduta reċentement f'deċiżjoni mogħtija nhar il-31 ta' Mejju 2023[3] rriteniet ukol illi:

[3] Repubblika vs l-Avukat tal-Istat deċiza nhar il-31 ta' Mejju 2023.

> *"fil-proċedura taħt Art. 541 tal-Kodiċi Kriminali mhumiex jiġu determinati drittijiet ċivili tal-appellanti…*
>
> *Ġialadarba fil-proċedura taħt l-Art. 541 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mhux ser tkun qiegħda tiddeċiedi dwar id-drittijiet ċivili tal-appellanti, l-appellanti ma tistax tilmenta li nkiser jew x'aktarx li ser jinkiser il-jedd ta' smigħ xieraq garantit taħt l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni."*

30. Il-Qorti tagħmel tagħha din l-osservazzjoni u tapplikaha għall-każ odjern, u għaldaqstant ma tqisx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

***It-Tieni Aggravju:***

31. Permezz tat-tieni aggravju, l-appellant isostni li meta l-proċeduri waslu fl-istadju tas-sottomissjonijiet orali huwa kien assistit minn Dr Tonio Azzopardi li kien assuma l-patroċinju propju f'dak l-istadju. Dakinhar tat-trattazzjoni orali, l-Avukat Azzopardi kien staqsa lil Qorti jekk it-trattazzjoni kinitx qiegħda tiġi "recorded", b'dan illi huma kienu aċċertati illi dak kollu li jintqal kien jiġi *recorded*. Meta huwa talab traskrizzjoni tal-istess trattazzjoni, kienu mgħarrfa illi ma teżisti l-ebda *recording* tat-trattazzjoni. Jafferma illi akkawża ta' dan saret 'spoljazzjoni' ta' parti integrali u importanti mill-proċess għaliex is-sottomissjonijiet orali *ormai* "taru mar-riħ" għaliex il-ġudikanta ma ħadet l-ebda notamenti fl-awla. Dan in-nuqqas ċaħdet lil appellant minn komponent importanti mill-jedd għal smigħ xieraq.

32. L-appellati l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija b'referenza għal dan it-tieni aggravju sostnew illi f'dan il-każ il-partijiet ingħataw l-opportunità li jagħmlu kemm sottomissjonijiet bil-miktub u kif ukoll bil-fomm. Jaffermaw illi huma m'għandhom l-ebda dubju li l-Qorti ħadet notament ta' dak kollu relevanti li ngħad mill-partijiet fit-trattazzjoni. Żiedu illi l-fatt li t-trattazzjoni ma ġietx traskritta, bl-ebda mod ma ssarraf fi preġudizzju għall-appellant. Huwa risaput illi mhux kull trattazzjoni tiġi traskritta u b'daqshekk ma jfissirx illi seħħet xi rregolarità fil-proċedura.

33. L-Appellat Xuereb jirrileva illi r-referenza għal-liġi Amerikana hija frivola. Iżid illi jekk l-appellant kellu xi punti u osservazzjonijiet x'jagħmel kien jagħmilhom fir-rikors tal-appell, iżda meta wieħed jagħsar ir-rikors tal-appell, ma fih xejn ġdid.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

34. Mill-atti jirriżulta illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2021, l-Ewwel Qorti pprefiġġiet terminu ta' xahrejn lill-partijiet għan-nota ta' sottomissjonijiet bin-notifika lil kontropartijiet. L-Ewwel Qorti ddifferiet il-kawża għall-finali trattazzjoni għall-25 ta' Mejju 2022. Jidher illi l-partijiet intavolaw in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom u fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2022, l-Avukati difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża u l-kawża tħalliet għat-28 ta' Ottubru 2022 għas-sentenza, meta fil-fatt ingħatat.

35. Din il-Qorti ma tqisx illi dan l-aggravju huwa fondat. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi għalkemm in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant kienet iffirmata mill-Avukat Larry Formosa, l-Avukat Dr Tonio Azzopardi, kien diġà parti mit-tim ta' difensuri tal-appellant u dan kif jirriżulta mill-aħħar paġna tal-istess nota, b'dan illi jidher li l-istess Dr Azzopardi kien a konoxxenza tal-kontenut tal-imsemmija nota.

36. Lanqas ma tqis illi ssib applikazzjoni d-dottrina Amerikana tal-*spoilation of evidence* ċitata mill-appellant, prinċipju li jitratta kwistjonijiet relatati mal-evidenza u fil-fatt f'numru ta' stati Amerikani, hija forma ta' abbuż tal-obbligu ta' *discovery* da parti ta' parti f'kawża. Huwa wkoll pależi illi l-Ewwel Qorti akkordat żmien suffiċjenti lill-partijiet kollha għall-preżentata tan-noti, u mill-atti saħansitra jirriżulta illi anke akkordat estensjoni lill-Avukat Ġenerali għall-preżentata tan-nota.

37. Din il-Qorti fliet bir-reqqa n-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant u tagħraf illi hija waħda studjata u tindirizza diversi argumenti. Illi *di piu, oltre* l-possibilità li jsiru s-sottomissjonijiet bil-miktub, l-Ewwel Qorti ffissat seduta għat-trattazzjoni orali finali fejn il-partijiet jirribattu dak sottomess jew osservat mill-partijiet l-oħra fin-noti rispettivi u jressqu argumentazzjonijiet oħra. Mis-sentenza tal-Ewwel Qorti huwa ukoll evidenti illi l-Ewwel Qorti mhux biss ħadet konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet iżda anke tat-trattazzjonijiet li saru

quddiemha. Il-Qorti ma tqisx illi hemm l-iċken indikazzjoni illi dak li ġie trattat bil-fomm ġie skartat mill-Ewwel Qorti. Fil-fatt u minkejja li fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-linja ta' ħsieb li fuqha kienet mibnija d-difiża tal-appellant, fl-ebda ħin ma jispjega x'kienet din il-linja ta' ħsieb jew l-argumenti avvanzati f'din it-trattazzjoni.

38. *Ormai* huwa stabbilit illi:

> *"The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties. [Harris O' Boyle and Warbick – "Law of the European Convention on Human Rights"*

39. Din il-Qorti ma tqisx illi l-appellant kien impoġġi *at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent*, b'dan illi jidher li l-ebda trattazzjoni orali ma ġiet *recorded.* Illi *di piu'* din il-Qorti tosserva illi minkejja li Dr Tonio Azzopardi kien avviċina lil Ewwel Qorti fl-awla stess ftit jiem wara t-trattazzjoni fejn kien infurmat illi ma ttieħed l-ebda *recording* tat-trattazzjoni minkejja li huwa kien ingħata indikazzjoni differenti dakinhar li għamel it-trattazzjoni, ma sar l-ebda rikors għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza f'dak l-istadju mill-appellant, permezz ta' liema l-appellant seta' jġib a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti dan in-nuqqas hekk ravviżat minnu.

40. Għalhekk ma tqisx illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat.

***It-Tielet Aggravju – nuqqas ta preżenza***

41. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jafferma illi filwaqt li l-Artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta 'per se' mhuwiex konfliġġenti mad-drittijiet fundamentali, rispett lejn id-dritt għas-smigħ xieraq jirrikjedi li anki fil-proċeduri ta' sfida l-indizzjat għandu jkun parti f'dawk il-proċeduri. Huwa dan l-element li ma' l-Artiklu 541 ma jirrispettax. L-appellant jisħaq illi ladarba Xuereb kellu d-dritt u l-opportunità li jressaq il-provi li jagħżel hu, l-appellant bħala l-persuna rrappurtata lil Pulizija kellu jingħata d-dritt li jkun preżenti fil-proċeduri biex jirribattihom u dan irrispettivament mill-fatt li l-iskop tal-proċeduri hu li jkun hemm "judicial review" tad-deċiżjoni tal-Pulizija.

42. Ulterjorment isostni illi l-Qorti Kostituzzjonali ***f'Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali*** kienet żbaljata meta rriteniet illi "ma jsir l-ebda apprezament dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna kwerelata." L-appellant jargumenta illi għalkemm l-eżami li jsir huwa fuq bażi 'prima facie', eżami dwar il-ħtija jew l-innoċenza jkun qiegħed isir, u għalkemm mhux finali, xorta jkun jirrigwarda lill-kwerelant. Dan iwassal għal żewg vjolazzjonijiet: (i) proċeduri li jsiru fl-assenza tal-indizzjat; u (ii) meta kopja tad-digriet li bih ikunu ngħalqu l-proċeduri ta' sfida jiġu preżentati fl-atti

tal-kumpilazzjoni wara li l-indizzjat ikun tressaq il-Qorti u mixli bl-imputazzjonijiet indikati fid-digriet.

43. L-appellati jiċċitaw sostanzjalment minn ***Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali*** u jisħqu li billi l-proċeduri ta' sfida jolqtu biss lill-Kumissarju tal-Pulizija u għalhekk m'hemmx għalfejn li l-persuna milquta b' tali deċiżjoni tkun parti fil-proċeduri ta' sfida. Lanqas mhuwa neċessarju l-intervent da parti ta' dik l-istess persuna li tipprova l-innoċenza tagħha. Għalkemm huwa minnu li eżitu pożittiv fil-proċedura ta' sfida tista' twassal biex jinħarġu akkużi kontra xi persuna, dan ma jimpinġix fuq id-dritt għas-smigħ xieraq, għaliex bl-istess mod, persuna ma tiġix preġudikata bid-deċiżjoni tal-Pulizija Eżekkutiva meta minn jeddha wara li tkun investigat il-każ, toħrog akkużi kriminali.

44. Anthony Xuereb jafferma illi mhuwiex minnu li l-appellant ma kienx preżenti, għaliex fil-fatt kien ikun preżenti fl-awla, iżda għalkemm attenda għas-seduta u sema' kollox, iddeċieda li ma jipparteċipax u lanqas talab li jintervjeni b'xi mod minkejja li bħala avukat l-appellant seta' faċilment iressaq it-talbiet tiegħu b'rikors.

45. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Tant hu żbaljat ir-rikorrenti fl-argument tiegħu illi jinsa illi kieku il-liġi kienet tiprospetta dak li jsostni hu, li jipparteċipa b'xi mod attiv fil-proċedura ta' l-isfida, żġur u bla ebda dubbju li kienet tkun l-istess kelma tal-liġi li kienet tkun leżiva tad-drittijiet tiegħu, tad-dritt tas-*

*silenzju, biex jiġġieled kif jippretendi hu lkwerela jew rapport jew denunzja mressqa kontrih. Frankament anomalija grossolana u li ma tagħmel ebda sens legali aktar u aktar meta l-ilment imressaq hu preċiż dak ta' ksur ta' smiegħ xieraq. Forsi jkun għaqli l-istess rikorrenti jgħaraf il-pożizzjoni li kien jitqiegħed fiha kieku b'xi ereżija legali kien ammess biex jipparteċipa fil-proċeduri ta' sfida li jiġu konklużi kontrih, imbagħad b'idejh għal kollox mikxufa jmur jiddefendi l-akkuża kriminali mressqa kontrh konsegwenza ta' l-isfida. Jinsa d-dritt sagrosant ta' skiet fil-kamp penali fundamentali għal protezzjoni ta' kull akkuzat. Dritt li qiegħdu fil-pożizzjoni tant vantaġġuża li jħalli l-onu iebes ta' prova ta' 'l hinn mid-dubbju ragonevoli nkombenti fuq il-prosekuzzjoni."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

46. Il-Qorti filwaqt illi tafferma mill-ġdid dak rilevat minnha sopra, a skans ta' repetizzjoni terġa' ttenni illi fi proċeduri ta' sfida il-persuna "investigata" hija l-Pulizija, li trid tiġġustifika l-inazzjoni tagħha, u mhux il-persuna li tkun issemmiet fil-kwerela, fid-denunzja jew fir-rapport. Il-proċedura ta' sfida hija proċedura li biha l-awtorità ġudizzjarja, a differenza ta' xi awtorità oħra ġerarkikament superjuri għal dik tal-Pulizija Eżekuttiva, tara jekk il-Pulizija Eżekuttiva, tkunx imxiet korrettement f'każ partikolari fejn hija tkun qed tgħid li m'għandhiex taġixxi in segwitu għal rapport, denunzja jew kwerela partikolari.

47. Il-Qorti tissottolinea illi f'dan l-istadju ma jkun qed jiġi deċiż xejn fil-konfront tal-akkużat, u l-pożizzjoni tiegħu tibqa' impreġjudikata sal-ġudizju finali quddiem Qorti oħra. F'dan l-istadju tittieħed deċiżjoni unilaterali li jinfetħu proċeduri kriminali formali kontra l-persuna akkużata.

48. Il-Qorti tara ukoll illi bħal Busietta, l-appellant kien jaf b'din il-proċedura ta' sfida, u fil-fatt kien preżenti waqt is-seduta u anke intavola rikors fl-atti tal-appell quddiem il-Qorti Kriminali, kif jirrizulta kemm mit-testimonjanza ta' Anthony Xuereb u kif ukoll mill-atti.[4] Il-Qorti Kostituzzjonali f' Adrian Busietta osservat illi:

> *"Formali jew informali, Busietta kien jaf b'dik il-procedura ta' sfida u ghalhekk kieku verament haseb li dik ilprocedura setghet tippregudikah, huwa kellu l-possibilita` kollha li jassisti lill-ispettur Farrugia Mamo biex jittutela linteressi tieghu. Minn dan kollu ma ghamel xejn, u issa qed jippretendi, b'interpretazzjoni "sostantiva" u mhux "formalistika" ta' x'jammonta ghal "akkuza kriminali", li din il-Qorti ssib li gew lezi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan is-sens, it-talbiet tar-rikorrent appellant jirrazentaw il-fieragh."*

49. Kif anke kkumentat l-Ewwel Qorti, kien biss wara l-appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati illi l-appellant konvenjentement ressaq dawn l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni għad-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, b'dan illi għażel li jibqa' passiv tul il-pendenza tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali.

50. Din il-Qorti tippreċiża li għalkemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikawx, b'danakollu ghalkemm mhux mehtieg illi persuna denunzjata titħalla tieħu sehem, ma tkunx ereżija legali jekk titħalla u dan kontra dak li qalet l-Ewwel Qorti a rigward.

[4] Ara xhieda ta' Anthony Xuereb quddiem l-Ewwel Qorti a fol 121A et seq.

51. Tenut kont ta' dak su-ċitat, din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju wkoll mhuwiex fondat.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjez ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb